**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 122/2017 CFF**

**Banif Bank (Malta) plc**

**Vs**

**Lynn-Marie Mc Cormick**

**Illum 28 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenuta tigi kkundannata li thallasha s-somma ta' sebat elef, tmienja u erbghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€7,048.61) rapprezentanti ammont dovut minnha fuq il-kontijiet taghha mal-kumpannija esponenti u specifikatament kif ser jinghad hawn taht:

1. Fuq Loan Account numru 22081771001 u li jikkoncerna self koncess lilha ai termini ta' Credit Agreement datat 27 t'April, 2012 (ara Dok. 'A') hemm dovut l-ammont ta' sebat elef u erbat Euro u sitta u tletin centezmu (€7,004.36) u sat-23 ta' Jannar, 2017, tali ammont kien jinkludi mija u zewgt Euro u tmien centezmi (€102.08) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'B'), u

2. Fuq il-Current Account numru 22081710001, miftuh minnha (ara Dok. 'C'), hemm dovut l-ammont ta' erbgha u erbghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu

(€44.25) u sat-23 ta' Jannar, 2017, tali ammont kien jinkludi sbatax-il centezmu (€0.17) f'imghaxaijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'D'). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez bankarji relatati mal-Loan Account fuq imsemmi. Ili l-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpannija esponenti:

1. Ai termini t'Artikolu 12 tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account markat Dok. 'A' u msemmi aktar il'fuq u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default inkluzi f'dan id-dokument, partikolarment, izda mhux esklussivament:

   "a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

   b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility.

   c) Any other event which in the Banks' reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u

2. Ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions marbuta mal-Current Account u Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta mal-istess Current Account (ara Dok 'E') u Dok 'F' rispettivament);

Illi l-kumpannija esponenti interpellatha diversi drabi biex thallasha l-ammont minnha dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata 14 t'April, 2016 u ittra ufficjali numru 534/2017 mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-8 ta' Marzu, 2017 (ara Dok. 'G' u Dok. 'H' rispettivament), izda hi baqghet inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallasitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi r-rapprezentanti tal-kumpannija esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Bl-imghaxijiet mit-23 ta' Jannar, 2017 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie miftiehem maghha meta hi fethet il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata ta' ghaxra punt tnejn hamsa fil-mija (10.25%) fuq l-ammont dovut fuq il-Loan Account (ara Artikoli 4 u 12 ta' Dok. 'A'); u bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Current Account (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u markata Dok. 'I');

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 465/2017, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali u inkluzi wkoll charges bankarji mit-23 ta' Jannar, 2017 sad-data tal-hlas effettiv, skont it-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija f'din il-kawza (ara Dok. 'I' gja citat u Dok. 'J' kwantu l-Loan Account;

Hi qeghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpannija esponenti fil-konfront taghha.

Rat li l-konvenuta giet notifikata fit-18 ta' Mejju, 2017 pero' la dehret u lanqas pprezentat risposta fis-seduta tal-31 t'Ottubru, 2017.

Rat li fl-istess seduta, il-Bank attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-14 ta' Novembru, 2017, il-konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-Bank attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Bank attur u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Bank attur is-somma ta' sebat elef, tmienja u erbghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€7,048.61) bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Jannar, 2017 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-

mandat ta' sekwestru numru 465/2017, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali u inkluzi wkoll charges bankarji mit-23 ta' Jannar, 2017 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**